MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Numru. 1362/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**John sive Giovanni Portelli**

**Kumpilazzjoni Numru: 1362/2010**

**Illum 25 ta' Jannar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John sive Giovanni Portelli ta' 50 sena, bin Anthony u Josephine nee' Zammit, imwieled Pieta fil-25 ta' Lulju, 1960 u residenti fil-fond 33 Trejqet Sant' Anna, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 532060(M).

Akkuzat talli f’ Gunju 2010 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel f’ dawn il-gzejjer b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.73) ghad-dannu ta’ Mary Ciappara detentrici tal-karta tal-identita numru 679846(M), ai termini ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata lilu jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu ta’ Mary Ciappara detentrici tal-karta tal-identita numru 679846(M), ai termini ta’ l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminal, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
(a) 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
(c) 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Mala.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz li tmexxa mill-pulizija fuq rapport li sar minn certu Mary Ciappara.

Illi din Mary Ciappara tghid li hija kienet saret taf lill-imputat tramite wiehed minn hutha, u li kienet tiltaqa' mieghu kazwalment. Meta fil-bidu tas-sena 2007 hija kellha problemi mad-dipartiment tas-sigurta socjali minhabba li ma baqghatx tircievi pensjoni hija kienet ilmentat dwar dan il-fatt ma'l-imputat. L-imputat da parti tieghu kien qallha li huwa kien jaf li xi hadd fid-dipartiment, (hu taha isem fittizju), u li seta' jghinha biex terga tibda tircievi l-pensjoni. Ciappara tghid li l-imputat kien regolarment jitlobha flus biex jghinha f'dan is-sens. Hija tispjega li kienet tmur il-bank u tigbed flus mill-kont taghha biex tkun tista taghtih flus. Hija kompliet tispjega li kienet izzomm xi notamenti fuq bicciet ta' karti dwar kemm kienet taghtih flus; meta l-imputat beda jesegera f'l-ammonti li beda jitlobha hija waqfet taghih flus. Jidher li l-ahhar darba li Ciappara tat flus lill-imputat ittiehed xi video[1]. Ciappara tammetti li kien hemm xi drabi meta l-imputat ghamel xi xoghol fid-dar taghha u li ta dan ix-xoghol hija hallsietu. Tichad pero li huwa kien jitlobha flus bhala self minhabba problemi finanzjarji li kien ghaddej minnhom, anzi baqghet tinsisti li huwa kien jitlobha flus biex jghinha terga tibda tircievi il-pensjoni. Bhala ammont mghoti lill-imputat, Ciappara semmiet il-figura ta' erbatax il-elf Lira Maltija pero prova specifika ta' dan l-ammont ma gabietx.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil hu Mary Ciappara, Michael Ciappara, li pero ma tantx jaf wisq, fis-sens li huwa qatt ma kien ma' ohtu meta din tat flus lill-

[1] Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jidher li meta huwa kien qed jigi investigat gie muri dan il-video u hu gharaf lilu nnifsu fih u anke l-okkazzjoni meta ttiehed; dan il-video pero ma giex esebiet in atti.

imputat u kull ma jaf fuq dan il-kaz huwa dak li rrakkontatlu ohtu.

Illi fis-sottomissjonijiet ghad-difiza gie allegat li Mary Ciappara mhux xhud attendibbli u li l-verzjoni taghha ghandha tigi skreditata; saret referenza ukoll ghall-mod kif tat id-depozizzjoni taghha. F’dan ir-rigward ghandu jinghad li hadd ma jista’ jichad li d-depozizzjoni ta’ Mary Ciappara ttiehdet b’certu diffikolta pero l-fatt li persuna ma tantx tesprimi ruhha b’mod intelligibbli mhux fih innifsu indikazzjoni li dak li qed tipprova tghid dik il-persuna mhux il-verita.

Illi fil-fatt, fil-kaz in ezami, minkejja l-mod kif Ciappara esprimit ruhha hija kienet kredibbli f’dak li qalet tant li f’diversi fatti il-verzjoni taghha giet korroborata minn xhieda indipendenti, bhar-rapprezentant tad-dipartiment tas-sigurta socjali u anke mill-istatement tal-bank. Pero fuq kollox il-verzjoni taghha giet korroborata minn dak li qal l-istess imputat partikolarment f’l-istqarrija tieghu.

Illi f’din l-istqarrija l-imputat kien car hafna f’l-ammissjoni li huwa kien jiehu flus minghand Ciappara biex jaghtihom lil din il-persuna fittizja meta fil-fatt kien izommhom hu.

Illi aktar minn hekk huwa l-imputat li rrenda ruhhu mhux kredibbli ghaliex kien hu ta verzjoni ta’ fatti f’l-istqarrija u verzjoni differenti, f’diversi aspetti, waqt li kien qed jiddeponi quddiem din il-Qorti.

Illi fil-fatt il-Qorti, tenut kont ta’l-assjem tal-provi, m’ghandha l-ebda dubbju li l-imputat kien gieghel lil Mary Ciappara temmen li huwa, tramite din il-persuna fittizja Navarro Gera, seta’ jghinha biex terga tibda tiehu l-pensjoni, u li minhabba f’hekk ikkonvinciha taghtih sommom ta’ flus b’mod regolari.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonjiet migjuba kontra l-imputat huma tnejn u cioe truffa jew frodi innominata u appropjazzjoni indebita.

Illi dwar ir-reat ta’ truffa u d-distinzjoni bejn dan ir-reat u l-appropjazzjoni indebieta Francesco Antolisei jghid hekk:

*Il consenso della vittima carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall’appropriazione indebita. Ambedue questi reati, in fatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l’impossessamento della cosa altrui in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un’arbitraria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al propretario. Nella truffa invece, l’agente, mediante artifizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittima si dannegi da se: consegni una cosa … compie insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri*[2].

.

Illi huwa car mill-provi akkwizit f’dan il-process li dak li ghamel l-imputat jaqa f’definizjoni ta’ truffa kif fuq spjegata; ma jirrizultax li l-agir tieghu kien jikkostitwixxi ukoll appropjazzjoni indebita.

Illi l-problema li ghandha din il-Qorti hija biex tistbilixxi l-ammont preciz li gie percepiet mill-imputat bhala rizultat ta’l-agir kriminuz tieghu minghand Ciappara b’mod li tkun tista’ tistabbilixxi liema mis-subparagrafi tas-subartikolu 1 ta’l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 ghandu japplika ghall-kaz in ezami. Sfortunatament in-notamenti li prezentat Ciappara ma tantx jistghu jghinu lill-Qorti u l-Qorti lanqas ma tista’ tistrih fuq dak li qalet Ciappara f’dan ir-rigward ghaliex hija ma ddistingwitx bejn dak li hija tatu biex jghinha ggib il-pensjoni u dak li hija taghtu bhala hlas ta’ xi xogholijiet li ghamel fid-dar taghha; lanqas kienet f’pozizzjoni li taghraf min-notamenti liema figuri kienu jirreferu ghall-Liri Maltin u liema figuri kienu jirreferu ghal Euro.

Illi din il-kawza tirreferi ghall-flus li Ciappara tat lill-imputat b’l-ghan li jirrangalha l-pensjoni. Mill-provi jirrizulta li Ciappara ma kenitx qed tircievi pensjoni bejn Jannar 2007 u Gunju 2008. Mill-provi (kemm dak li tghid Ciappara pero

---

[2] Ref Manuale di Diritto Penale Parte I pagna 354

anke mill-istqarrija ta'l-imputat) jirrizulta ukoll li hlasijiet saru diversi drabi u kienu jsiru billi Ciappara tmur il-bank tigbed il-flus u ftit tal-hin wara l-imputat kien imur jiehu dawk il-flus li tkun ghada kif zbankat. Jekk wiehed jara x'ammonti gew zbankati minn Ciappara fil-perjodu bejn Jannar 2007 u Gunju 2008 m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li Ciappara tat lill-imputat aktar minn €232.94 pero ma jistax jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta fil-grad rikjest f'proceduri kriminali li hija tatu aktar minn €2,329.37 ghalhekk ghandu japplika l-artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat kif ukoll il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi daqshekk allarmanti. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li piena karcerarja effettiva tista' tkun ta' xkiel ghall-parte civile f'tentattiv biex tesiegi hlas ta' dak dovut lilha minghand l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------